



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.11.2021
COM(2021) 680 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**L-Implimentazzjoni tat-tielet Programm ta' Azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa fl-
2019**

{SWD(2021) 311 final}

Werrej

1. INTRODUEZZJONI	2
2. IL-KISBIET EWLENIN TAS-SENA	5
3. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT	9
3.1 Prijoritajiet	10
3.2 Eżekuzzjoni tal-baġit operazzjonali skont il-mekkaniżmu ta' finanzjament.....	14
3.3 Benefiċjarji.....	15
4. KWISTJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI EWLENIN	15

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport ikopri l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali għall-2019 (AWP 2019) tat-tielet programm tas-saħħa għal bejn l-2014 u l-2020¹ (minn hawn 'il quddiem "il-programm"). Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-Programm, il-Kummissjoni Ewropea (KE) trid tirrapporta lill-Kumitat għall-Programm tas-Saħħa dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha ffinanzjati mill-programm, u trid iżżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill informati. Dan ir-rapport jissodisfa dan l-aħħar-rekwiżit u jiddeskrivi kif il-programm ġie implimentat u kif il-baġit intuża fl-2019.

Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport jippreżenta l-azzjonijiet ewlenin kofinanzjati taħt il-programm, li r-riżultati tiegħu saru disponibbli fl-2019, flimkien ma' tabelli li jispjegaw fid-dettall l-attivitajiet u l-kuntratti kofinanzjati kollha fil-baġit operazzjonali tal-2019 tal-programm.

Il-Programm ta' ħidma annwali tal-2019 inbena madwar għadd ta' oqsma ta' prijorità, filwaqt li indirizza l-inugwaljanzi fis-saħħa bħala kwistjoni trażversali.

Skont l-Objettiv 1 (*Il-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard u t-trawwim ta' ambjenti li jappoġġaw stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa*), l-UE pprovdiet finanzjament totali ta' EUR 20 752 505,10 għal ħames proġetti u għal azzjoni konġunta waħda. Dan kien jinkludi azzjoni konġunta dwar l-implimentazzjoni tal-aħjar Prattiki fil-qasam tan-nutrizzjoni, li kellha l-għan li żżid l-offerta ta' ikel ipproċessat aktar san u/jew li tnaqqas il-melħ, iz-zokkor u x-xaħmijiet saturati fl-ikel ipproċessat disponibbli fis-supermarkits tal-UE.

Fl-ambitu tal-Objettiv 2 (*Il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni minn theddid serju għas-saħħa ta' natura transkonfinali*), l-UE pprovdiet finanzjament totali ta' EUR 8 058 630,32 għal tliet proġetti, li kienu jinkludu l-organizzazzjoni tas-summit globali dwar it-tilqim. Kien hemm ukoll azzjoni konġunta biex tissaħħaħ it-tnejn tas-saħħa kif ukoll biex jissaħħaħ ir-rispons għall-attakki terroristiċi bijoloġiċi u kimiċi; din kellha l-għan li tidentifika t-theddid u

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar it-twaqqif tat-tielet Programm għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1).

li tivvaluta r-riskji ta' atti terroristiċi relatati mas-saħħa, filwaqt li tnaqqas il-lakuni bejn is-sħab fis-setturi tas-saħħa pubblika, tas-sigurtà u tal-protezzjoni ċivili.

Fl-ambitu tal-Objettiv 3 (*Il-kontribut għal sistemi tas-saħħa innovattivi, effiċjenti u sostenibbli*), l-UE pprovdiet finanzjament totali ta' EUR 15 473 042, 80 għal diversi azzjonijiet li jappoġġaw sistemi tas-saħħa innovattivi, effiċjenti u sostenibbli. Għe konkluż kuntratt ta' servizz biex jiġu identifikati modi biex jittejjeb l-iskambju transfruntier tad-*data* dwar is-saħħa fl-UE, f'konformità mal-prijorità tal-KE għal "spazju ta' *data* dwar is-saħħa tal-UE" biex jiġu mmapjati, analizzati u vvalutati r-regoli tal-Istati Membri li jirregolaw l-ipproċessar tad-*data* dwar is-saħħa. Tnediet ukoll azzjoni konġunta dwar l-implimentazzjoni ta' kura b'kapaċità diġitali, integrata u ċċentrata fuq il-persuna biex tgħin lill-awtoritajiet jirrifirmaw is-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħhom. Din kellha l-għan li tiżviluppa l-kapaċità li jiġu ttrasferiti l-aħjar prattiki u li tiġi implimentata l-kura integrata, bl-użu ta' approċċ minn isfel għal fuq u billi jiġu segwiti l-prinċipji ewlenin tad-disinn u l-elementi kostitwenti identifikati mill-grupp ta' esperti dwar il-Valutazzjoni tal-Prestazzjoni tas-Sistemi tas-Saħħa (HSPA)².

Fl-ambitu tal-Objettiv 4 (*L-iffaċilitar tal-aċċess għal kura tas-saħħa aħjar u aktar sigura għaċ-ċittadini tal-Unjoni*), l-UE pprovdiet kofinanzjament totali ta' EUR 14 044 589, 5 biex tappoġġa: (a) attivitajiet ta' koordinazzjoni u reġistri tan-Networks ta' Referenza Ewropej (NER) għall-mard rari; (b) organizzazzjonijiet mhux governattivi li jikkontribwixxu għall-objettivi tas-saħħa tal-UE; (c) in-networking tal-awtoritajiet nazzjonali għat-trasferiment tal-aħjar prattiki; u (d) il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Il-Kummissjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Aġrikoltura u l-Ikel (Chafea) żguraw li r-riżultati tal-programm ixxandru b'mod wiesa' permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni u tixrid xierqa. Dawn iffukaw fuq il-prijoritajiet ewlenin ta' komunikazzjoni indikati minn DG SANTE, bħat-tilqim, in-networks ta' referenza Ewropej għall-mard rari, il-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi, il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u s-saħħa diġitali. Dawn l-attivitajiet promozzjonali kienu jinkludu l-organizzazzjoni ta' sebat ijiem ta' informazzjoni biex jiġu promossi l-opportunitajiet ta' finanzjament taħt l-

² Il-Grupp ta' Esperti dwar il-Valutazzjoni tal-Prestazzjoni tas-Sistemi tas-Saħħa:
https://ec.europa.eu/health/systems_performance_assessment/policy/expert_group_mt

programm ta' ħidma annwali tal-2019, b'kooperazzjoni man-network ta' Punti Fokali
Nazżjonali (PFN)³.

³ Il-PFN jintgħażlu mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi oħrajn li jipparteċipaw fil-programm biex jgħinu lill-KE tippromwovi l-programm u xxandar ir-riżultati u l-informazzjoni tagħha dwar l-impatt tiegħu.

2. IL-KISBIET EWLENIN TAS-SENA

Il-programm ta' ħidma annwali tal-2019 indirizza b'mod ġenerali l-erba' objettivi speċifiċi tal-programm tas-saħħa.

Taħt l-Objettiv 1 (*Il-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard u t-trawwim ta' ambjenti li jappoġġaw stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa*), tnedew għadd ta' studji biex jappoġġaw il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti tat-tabakk, relatati mal-valutazzjoni ta' togħmiet karatteristiċi, u jappoġġaw lill-KE fl-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/40 dwar il-prodotti tat-tabakk (TPD). Ġew iffinanzjati wkoll studji dwar l-alkoħol biex jgħinu lill-Istati Membri jnaqqsu l-ħsara marbuta mal-alkoħol u biex jimmappjaw il-miżuri fiskali u l-politiki tal-ipprezzar tagħhom applikati għall-ikel, ix-xorb mhux alkoħoliku u x-xorb alkoħoliku.

Fl-ambitu tal-Objettiv 2 (*Il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni minn theddid serju għas-saħħa ta' natura transkonfinali*), tnedja studju biex tiġi eżaminata l-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' kard komuni tat-tilqim għaċ-ċittadini tal-UE⁴.

L-objettiv tal-istudju huwa doppju:

- L-ewwel nett, li jitwettaq eżerċizzju ta' mmappjar biex jiġu eżaminati u mqabbla l-forma u l-kontenut tal-kards tat-tilqim eżistenti biex jiġu identifikati karatteristiċi li jistgħu jiġu inklużi f'kard tat-tilqim taċ-ċittadini tal-UE.

⁴ Fis-7 ta' Diċembru 2018, il-Ministri tas-Saħħa tal-UE adottaw Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kooperazzjoni msaħħa kontra l-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim (https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/vaccination/docs/14152_2018_en.pdf). Ir-Rakkomandazzjoni kienet akkumpanjata minn Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2018:245:FIN>).

Filwaqt li l-organizzazzjoni tal-programmi ta' tilqim hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri, ir-Rakkomandazzjoni u l-Komunikazzjoni jitolbu għadd kbir ta' azzjonijiet fil-livell tal-UE biex jiġi miġġieled il-mard li jista' jiġi evitat b'vaċċin. Waħda minn dawn l-azzjonijiet hija li tiġi eżaminata l-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' kard/passaport komuni tat-tilqim taċ-ċittadini tal-UE, bl-għan ewlieni li tittiejeb il-kopertura tat-tilqim billi jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ikkawżati mill-moviment transfruntier tan-nies u d-differenzi fil-programmi ta' tilqim madwar l-UE. Tali kard/passaport tat-tilqim huwa wkoll konformi mal-“approċċ parteċipattiv” fil-mod kif l-individwi jinvolvu ruħhom f'deċiżjonijiet relatati mas-saħħa u mal-approċċ iffukat fuq iċ-ċittadin adottat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-KE dwar is-Saħħa elettronika 2012-2020 (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1550061597950&uri=CELEX:52012DC0736>).

- It-tieni, li jiġu żviluppati, ittestjati u evalwati tliet mudelli differenti għal kard tat-tilqim taċ-ċittadini tal-UE, filwaqt li titqies l-interoperabbiltà. Il-mudelli jenħtieġ li jkunu kemm f'format elettroniku kif ukoll f'format fiżiku.

Kard futura tat-tilqim taċ-ċittadini tal-UE tkun, l-ewwel nett, għodda ta' setgħa personali, li tgħin liċ-ċittadini jiksbu l-vaċċini tagħhom u l-vaċċini tat-tfal tagħhom fil-mument ix-xieraq, b'mod partikolari meta jmorru minn Stat Membru għal ieħor fl-UE. Qiegħed jiġi propost li jiġu ttestjati l-mudelli doppji f'mill-inqas 10 Stati Membri voluntiera.

Fl-ambitu tal-Objettiv 3 (*Il-kontribut għal sistemi tas-saħħa innovattivi, effiċjenti u sostenibbli*), tnedew diversi azzjonijiet biex jappoġġaw sistemi tas-saħħa innovattivi, effiċjenti u sostenibbli, u ġew iffinanzjati għadd ta' attivitajiet biex jitmexxew kampanji li jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-regolamenti l-ġodda dwar l-apparati mediċi ((UE) 2017/745) u l-apparati mediċi *in vitro* ((UE) 2017/746). Dawn il-kampanji jindirizzaw lill-atturi tas-suq, lill-professionisti tal-kura tas-saħħa, lill-istituzzjonijiet tas-saħħa, u liċ-ċittadini bħala pazjenti. L-għan ġenerali tagħhom huwa li jinfurmaw u jqajmu sensibbiltà fost il-partijiet ikkonċernati dwar ir-regolamenti dwar l-apparati mediċi (MD) u l-apparati mediċi *in vitro* (IVD) u r-rekwiżiti tagħhom, qabel ma jidħlu fis-seħħ f'Mejju tal-2021 u tal-2022 rispettivament, biex jiġi evitat kull tfixkil tas-swieq tal-MD u tal-IVD.

Fl-ambitu tal-Objettiv 4 (*L-iffaċilitar tal-aċċess għal kura tas-saħħa aħjar u aktar sigura għaċ-ċittadini tal-Unjoni*), tnediet sejħa biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' reġistri tal-mard rari (RD) għan-networks ta' referenza Ewropej⁵. L-attivitajiet ippjanati jikkonċernaw il-bini u l-iżvilupp tar-reġistri tal-pazjenti b'mard rari għan-networks ta' referenza Ewropej u aktar żvilupp u kontroll tal-kwalità tar-reġistri eżistenti.

L-objettivi prinċipali huma:

- li jiġi permess il-bini, it-titjib, il-kollegament u l-interoperabbiltà tar-reġistri li jkopru l-mard u l-kundizzjonijiet relatati ma' kull network ta' referenza Ewropej. Dan se

⁵ F'Marzu 2017, tnedew erbgħa u għoxrin network ta' referenza Ewropej approvati mill-Bord tan-networks ta' referenza Ewropej tal-Istati Membri, inklużi aktar minn 900 unità tal-kura tas-saħħa speċjalizzata ħafna minn madwar 300 sptar f'25 Stat Membru tal-UE u fin-Norveġja li jkopru gruppi ta' mard maġġuri, minn disturbi tal-għadam għall-mard ematoloġiku, u mill-kanċer pedjatriku għall-immunodeficienza. Membru wieħed ta' kull network jaġixxi bħala koordinatur.

jgħin biex il-koorti tal-pazjenti jkunu jistgħu jiġu konnessi u jsiru viżibbli fil-livell Ewropew, sabiex jiġi segwit il-kors naturali tal-mard b'*data* suffiċjenti dwar il-pazjenti; barra minn hekk, ir-reġistri individwali kollha tal-mard rari tan-networks ta' referenza Ewropej se jiġu rreġistrati fuq il-Pjattaforma tal-UE għall-mard rari.

- li jiġi żviluppat approċċ komprensiv għar-reġistri tal-mard rari li jkopri n-networks ta' referenza Ewropej kollha, skont l-istandards u l-għodod ipprovduti mill-Pjattaforma tal-mard rari tal-UE.

Barra minn hekk, ingħata kuntratt biex jiġu pprovduti servizzi u assistenza teknika lill-KE għal sistema integrata ta' valutazzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni u titjib tal-kwalità (AMEQUIS) għan-networks ta' referenza Ewropej. B'mod speċifiku, se:

- teżamina l-għodod u l-indikaturi eżistenti kollha għall-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tan-networks ta' referenza Ewropej;
- tanalizza t-tagħlimiet meħuda mill-użu ta' għodod u metodi eżistenti, filwaqt li twettaq rieżami tal-għodod u tal-metodoloġiji l-aktar avvanzati żviluppati u ttestjati minn organizzazzjonijiet oħrajn fil-livell nazzjonali jew internazzjonali, fl-istess kuntesti u f'kuntesti simili.

Din l-azzjoni tgħin lill-KE tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-Direttiva 2011/24/UE dwar id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali u d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni⁶ u ta' Delega tal-Kummissjoni tal-2014⁷ fir-rigward tal-istabbiliment u l-evalwazzjoni tan-networks ta' referenza Ewropej.

Fl-aħħar nett, iċ-Chafea nediet kuntratt⁸ għat-tfassil, għall-ippjanar u għall-ġestjoni tal-implimentazzjoni ta' programm li jiffaċilita l-iskambju ta' professjonisti fuq żjara bejn iċ-ċentri kliniċi fin-networks ta' referenza Ewropej għall-mard rari jew għall-mard bi prevalenza baxxa u għall-mard kumpless. L-għan taż-żjarat/skambji huwa l-kondiviżjoni tal-għarfien espert, tal-esperjenzi u tal-għarfien speċjalizzat ħafna fil-kamp ta' applikazzjoni u fil-qafas tal-24 network ta' referenza Ewropej. Dan il-programm se jgħin biex jiżdied il-livell ġenerali ta' għarfien speċjalizzat ħafna, biex tissaħħaħ u tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fost l-isptarijiet,

⁶ https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:JOL_2014_147_R_0007

⁷ https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:JOL_2014_147_R_0006

⁸ Kuntratt ta' servizz għall-forniment ta' servizzi dwar il-kapaċità u l-kondiviżjoni tal-għarfien permezz ta' mobbiltà għal żmien qasir u skambji ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa għan-networks ta' referenza Ewropej.

u biex jissaħħu r-relazzjonijiet professjonali fin-networks u bejn networks differenti. Barra minn hekk, iż-żjarat/l-iskambji se jgħinu biex jitqiegħdu l-pedamenti għall-ħolqien u l-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ speċjalizzati ħafna.

3. IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAGĦIT

Il-baġit globali għat-tielet programm tas-saħħa ta' bejn l-2014 u l-2020 huwa ta' EUR 449,4 miljun. Dan jinkludi EUR 30,6 miljun għall-kostijiet tat-tħaddim taç-Chafea, li tat il-mandat għalihom il-KE għall-amministrazzjoni tal-programm. Iç-Chafea ilha mill-2005 tagħti l-għajjnuna teknika, xjentifika u amministrattiva lill-KE fl-implimentazzjoni tal-programm tas-saħħa⁹.

Iç-Chafea torganizza s-sejħiet annwali għal proposti, tikkoordina l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet, tinnegozja, tiffirma u tiġġestixxi l-ftehimiet ta' għotja, u xxandar ir-riżultati tal-azzjonijiet. Hija responsabbli wkoll għall-maġġoranza tal-proċeduri tal-akkwist.

Il-baġit stabbilit fil-programm ta' ħidma annwali tal-2019 kien ta' EUR 70 424 862, li tqassam kif ġej:

- Nefqa operazzjonali: EUR 62 258 000, li tikkorrispondi mal-linja baġitarja 17 03 01 (“*Titħeġġeġ l-innovazzjoni fis-saħħa, tiżdied is-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa, u jiġu protetti ç-çittadini tal-Unjoni minn theddid serju għas-saħħa ta' natura transkonfinali*”);
- Il-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE¹⁰ u pajjiżi terzi oħrajn¹¹ li pparteċipaw fil-programm għamlu kontribuzzjonijiet addizzjonali ta' EUR 2 116 862;
- Nefqa amministrattiva: EUR 1 500 000, li jikkorrispondi mal-linja baġitarja 17 01 04 02;

⁹Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/858/KE tal-15 ta' Diċembru 2004 li twaqqaf aġenzija esekuttiva bl-isem “Aġenzija Esekuttiva għall-Programm dwar is-Saħħa Pubblika” għat-tmexxija tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika — b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 tal-Kunsill (ĠU L 369, 16.12.2004, p. 73) emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/544/KE tal-20 ta' Ġunju 2008 li temenda d-Deċiżjoni Nru 2004/858/KE sabiex tittrasforma “L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Programm tas-Saħħa Pubblika” f’“L-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi” (ĠU L 173, 3.7.2008, p. 27). Minn Diċembru 2014 l-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi (EAHC) ġiet sostitwita bl-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel (Chafea) bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/927/UE tas-17 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/770/UE sabiex “L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel” tiġi ttrasformata f’“L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel” (ĠU L 363, 18.12.2014, p. 183).

¹⁰ In-Norveġja u l-Iżlanda.

¹¹ Is-Serbja, il-Bożnija-Ħerzegovina u l-Moldova.

- Baġit għall-kostijiet operazzjonali taċ-Chafea: EUR 4 550 000, li jikkorrispondi mal-linja baġitarja 17 01 06 02.

Il-baġit operazzjonali kien jammonta għal EUR **64 614 759,55**. DG SANTE u ċ-Chafea impenjaw total ta' EUR **63 862 709,64** taħt il-programm ta' ħidma annwali tal-2019 (99 %). Iċ-Chafea impenjat EUR **46 888 723,23**, filwaqt li DG SANTE impenja EUR **16 973 986,41**, li jkopru parti mill-impenji ta' **akkwist** u azzjonijiet oħrajn. Mill-impenn globali, l-appropriazzjonijiet li ma ntużawx ammontaw għal EUR **752 050,11**, li jikkorrispondu ma' **1,2 %** tat-total.

3.1 Prijoritajiet

Fl-2019, il-baġit operazzjonali totali implimentat EUR **63 862 709,44** kien assenjat lill-erba' objettivi speċifiċi tal-programm kif ġej:

1. **Il-promozzjoni tas-saħħa - EUR 20 752 505,10 (32 % tal-baġit operazzjonali)** għall-promozzjoni tas-saħħa, għall-prevenzjoni tal-mard u għat-trawwim ta' ambjenti li jappoġġaw stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, billi jitqies il-prinċipju tas-“saħħa fil-politiki kollha”;
2. **It-theddid għas-saħħa - EUR 8 058 630,32 (13 % tal-baġit operazzjonali)** għall-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni minn theddid serju għas-saħħa ta' natura transkonfinali;
3. **Is-sistemi tas-saħħa - EUR 15 473 042,80 (24 % tal-baġit operazzjonali)** biex jingħata kontribut għal sistemi tas-saħħa innovattivi, effiċjenti u sostenibbli;
4. **Kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura - EUR 14 044 589,5 (22 % tal-baġit operazzjonali)** biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura għaċ-ċittadini tal-Unjoni.


Barra minn hekk, l-**attivitajiet orizzontali** (attivitajiet tal-IT, komunikazzjoni, rimborż ta' evalwaturi esperti) u l-azzjonijiet trażversali ammontaw għal EUR **5 533 943, 24 (9 % tal-baġit operazzjonali)**.

Ċart 1: il-baġit operazzjonali tal-2019 għal kull objettiv tat-tielet programm tas-saħħa



Fir-rigward tal-allokazzjoni tal-baġit tal-2019 għal kull waħda mill-prijoritajiet tematiċi tal-programm, iċ-Ċart 2 ta' hawn taħt turi li l-attivitajiet taħt il-prijorità tematika 1 għall-promozzjoni tas-saħħa, għall-prevenzjoni tal-mard u għat-trawwim ta' ambjenti li jappoġġaw stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa jikklassifikaw fl-ogħla post, segwiti mit-tilqim, mill-apparati mediċi u mill-mard rari.

Ċart 2: il-baġit operazzjonali għall-2019 għal kull priyorità tematika (f'miljuni ta' EUR)



Biex jilħaq l-oġġettivi tiegħu, il-programm ġie implimentat permezz ta' firxa wiesgħa ta' strumenti ta' finanzjament. Dawn kienu jinkludu:

- għotjiet għall-proġetti;
- għotjiet operattivi b'appoġġ għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi;
- azzjonijiet kofinanzjati mal-awtoritajiet tal-Istati Membri (azzjonijiet konġunti);
- ftehimiet ta' għotjiet diretti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali;
- l-akkwist pubbliku; u

- azzjonijiet oħrajn, bħall-appoġġ lill-Kumitati Xjentifiċi, ftehimiet amministrattivi maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u l-EUROSTAT, u għotjiet għall-konferenzi tal-Presidenza.

Intużaw sejħiet kompetittivi biex jintgħażlu azzjonijiet għall-finanzjament, pereżempju għal proġetti u akkwisti. Azzjonijiet konġunti, għotjiet lill-organizzazzjonijiet u lill-konferenzi internazzjonali organizzati mill-Presidenzi tal-Kunsill tal-UE huma ftehimiet dwar għotjiet diretti minħabba s-sitwazzjonijiet ta' monopolju tagħhom (*de facto* jew *de jure*). Ir-rieżaminaturi esterni (azzjonijiet konġunti), l-uffiċjali ta' DĠ SANTE u taċ-Chafea jiżguraw il-kwalità ta' dawn l-azzjonijiet kofinanzjati permezz tal-evalwazzjoni tal-proposti.

Il-baġit amministrattiv kopra n-nefqa fuq affarijiet bħal studji, laqgħat mal-esperti, komunikazzjoni u assistenza teknika u amministrattiva għas-sistemi tal-IT.

3.2 Eżekuzzjoni tal-baġit operazzjonali skont il-mekkaniżmu ta' finanzjament

Tip ta' mekkaniżmu ta' finanzjament	Implimentazzjoni (EUR)	Sehem tal-mekkaniżmu fit-total tal-baġit implimentat (%)
1. Għotjiet b'sejħa għal proposti jew bi stedina:	26 314 180,36	41 %
1.1 Għotjiet għal proġetti, inkluż proġetti oħrajn tad-DGA	5 774 147,36	9 %
1.2 Għotjiet operattivi għall-NGOs	5 434 283	8,4 %
1.3. Għotjiet ta' azzjoni konġunta	14 992 063	23 %
1.4. Għotjiet għall-konferenzi lill-Istati Membri li jkollhom il-Presidenza tal-UE	113 687	0,17 %
2. Ftehimiet dwar għotjiet diretti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali	5 750 000	9 %
GĦOTJIET TOTALI	32 064 180,36	50 %
3. Akkwist (kuntratti ta' servizz), premjijiet u azzjonijiet orizzontali	24 359 690,04	38 %
<i>Immaniġġjati minn CHAFEA</i>	14 149 296,55	22 %
<i>Immaniġġjati mid-DĠ SANTE</i>	10 210 393,49	16 %
4. Azzjonijiet oħrajn	7 438 839,29	12 %
<i>Immaniġġjati minn CHAFEA</i>	675 246,37	1 %
<i>Immaniġġjati mid-DĠ SANTE</i>	6 763 592,92	11 %
5. Il-baġit implimentat tal-AWP tal-2019		
<i>Immaniġġjati minn CHAFEA</i>	46 888 723,30	72,6 %

<i>Immaniġġjati mid-DĠ SANTE</i>	16 973 986,41	26,2 %
	63 862 709,44	
Baġit totali disponibbli tal-programm ta' ħidma annwali tal-2019	64 614 759,55	
Kreditu mhux użati	752 050,11	1,20 %
<i>minn Chafea¹²</i>	752 046,35	
<i>minn DĠ SANTE</i>	3,76	

3.3 Benefiċjarji

Fl-2019, iċ-Chafea u DĠ SANTE iffirmaw aktar minn 273¹³ għotja u kuntratt ma' benefiċjarji u fornituri ta' servizzi: istituzzjonijiet governattivi, istituzzjonijiet akkademiċi, organizzazzjonijiet mhux governattivi, kumpaniji privati, u esperti individwali¹⁴. Benefiċjarji oħrajn kienu jinkludu organizzazzjonijiet internazzjonali u servizzi tal-UE. Madwar 479 benefiċjarju u kuntrattur irċevew finanzjament mill-UE, u ż-żewġ kategoriji ewlenin kienu kumpaniji privati (għall-akkwist u għal azzjonijiet oħrajn) u organizzazzjonijiet governattivi (għal azzjonijiet konġunti u għal proġetti).

4. KWISTJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI EWLENIN

Fl-2019, iċ-Chafea organizzat attivitajiet ta' xandir biex iżżid il-viżibbiltà tar-riżultati u s-suċċessi miksuba taħt it-tielet programm tas-saħħa, biex tippromwovi l-prijoritajiet ta' komunikazzjoni speċifiċi ta' DĠ SANTE u biex tkompli tespandi s-sensibilizzazzjoni mal-benefiċjarji potenzjali tal-programm. Fir-Rapport dwar l-Attività tal-2019 taċ-Chafea għat-tielet Programm tal-UE dwar is-Saħħa tinsab informazzjoni estensiva dwar dawn l-attivitajiet.

Il-Konferenza dwar il-Programm tas-Saħħa tal-UE fit-30 ta' Settembru 2019 kienet l-avveniment ewlieni tas-sena, b'aktar minn 350 parteċipant fil-mira preżenti. L-għan tal-avveniment kien doppju: li jiġu enfasizzati l-istejjer ta' suċċess tat-tielet programm tas-saħħa

¹² Il-kuntratt dwar l-għażliet ta' fattibbiltà għall-kumulazzjoni fiżika ma ngħatax wara l-bidla fil-ħtiġijiet tal-politika tad-DĠ Sante għal ammont totali mistenni ta' EUR 700 000.

¹³ Azzjonijiet Konġunti (3), għotjiet għall-proġetti (20), għotjiet operattivi tal-SGA (14), ftehim fuq Għotja Diretta (4), premjijiet (3), konferenzi tal-presidenza (2), sejħiet għall-offerti (21), azzjonijiet orizzontali (186) u azzjonijiet oħrajn (20).

¹⁴ Din iċ-ċifra ma tinkludix il-kuntratti ma' esperti individwali li pparteċipaw f'Kumitati Xjentifiċi, evalwaturi ta' sejħiet għal proposti, eċċ.

u li jiġi ppreżentat il-finanzjament tal-UE għas-saħħa fil-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2020. B'kooperazzjoni mal-Punti Fokali Nazzjonali tal-Programm tas-Saħħa, iċ-Chafea organizzat diversi jiem ta' informazzjoni (fil-Bożnija-Herzegovina, fiċ-Ċekja, fil-Greċja, fl-Irlanda, fl-Italja, f'Malta, fil-Polonja u fl-Iżvezja) b'aktar minn 250 parteċipant, dwar suġġetti konnessi mal-prijoritajiet ta' politika nazzjonali.

Iċ-Chafea pparteċipat b'mod attiv ukoll f'konferenzi Ewropej ewlenin oħrajn dwar is-saħħa pubblika fejn ix-xjenzjati u l-professjonisti fil-qasam tas-saħħa kienu l-udjenza fil-mira:

- id-19-il Konferenza Internazzjonali dwar il-Kura Integrata, bejn l-1 u t-3 ta' April 2019, San Sebastian, Spanja¹⁵.
- it-22 Forum Ewropew tas-Saħħa, Gastein, ta' bejn it-2 u l-4 ta' Ottubru 2019, l-Awstrija¹⁶ (iċ-Chafea organizzat stand).
- it-12-il Konferenza Ewropea dwar is-Saħħa Pubblika, ta' bejn l-20 u t-23 ta' Novembru 2019, "Il-bini ta' pontijiet għas-solidarjetà u s-saħħa pubblika", Marsilja, Franza¹⁷ (simpożju ta' nofsinhar dwar "Kif nistgħu ningħaqdu biex ninvolvu ruħna f'diversi azzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati biex nilħqu l-aħjar rati ta' kopertura tat-tilqim kontra l-influenza fl-Ewropa?").

Attivitajiet oħrajn ta' komunikazzjoni u ta' disseminazzjoni fuq il-web kienu jinkludu l-pubblikazzjoni ta' aktar minn 120 punt tal-aħbarijiet fis-sit web taċ-Chafea konnessi ma' xulxin permezz ta' links u parzjalment permezz tal-midja soċjali, il-pubblikazzjoni tal-webinars dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament, l-iżvilupp ta' gwida għax-xandir għall-benefiċjarji, u l-aġġornament tal-karatteristiċi ta' dawnlowdjar għall-bażi tad-*data*.

F'termini tal-produzzjoni u tal-promozzjoni ta' publikazzjonijiet tal-web (u tal-istampar fuq talba), iċ-Chafea pproduċiet ktejjeb dwar "is-Saħħa għall-UE" li jippreżenta l-istejjer ta' suċċess tal-programm¹⁸, u żewġ skedi ta' informazzjoni dwar "is-saħħa elettronika"¹⁹ u "l-fraġilità"²⁰. Dawn huma disponibbli f'24 lingwa tal-UE.

¹⁵ <https://integratedcarefoundation.org/events/icic19-19th-international-conference-on-integrated-care-san-sebastian-basque-country>

¹⁶ <https://www.ehfg.org/archive/2019/programme>

¹⁷ <https://epconference.eu/conference-2019-marseille-271>

¹⁸ <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/98986869-e049-11e9-9c4e-01aa75ed71a1>

¹⁹ https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/08e68564-67fe-11e9-9f05-01aa75ed71a1/language-en?WT.mc_id=Selectedpublications&WT.ria_c=19980&WT.ria_f=3171&WT.ria_ev=search

²⁰ https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/b3cbce3e-5ccd-11e9-9c52-01aa75ed71a1/language-en?WT.mc_id=Selectedpublications&WT.ria_c=19980&WT.ria_f=3171&WT.ria_ev=search